MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 312/2007

**Talba Nru: 312/07PBC**

**Inserv Limited C5229**

**Vs**

**V and C Contractors Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett mija u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm340.45c) u dan billi fil-15 ta' Marzu, 2006 hija sofriet qtugh ta' dawl fil-post tax-xoghol taghha u

sofriet danni ta’ tlett mija u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm340.45c).

Illi jirrizulta illi l-qtugh ta’ dawl gara tort ta’ l-intimat u konsegwenza ta’ negligenza da parti ta’ l-intimat meta kien qieghed jaghmel xoghlijiet fit-triq vicin il-post tax-xoghol ta’ l-esponenti.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li wiegbet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta ghandhom jigu michuda stante li l-istess socjeta’ m’hijiex responsabbli ghall-hsarat sofferti mis-socjeta’ attrici stante illi l-istess socjeta’ konvenuta dejjem esegwiet xogholha skond is-sengha u l-arti.

Illi kemm-il darba s-socjeta’ attrici sofriet xi danni, dan gara minhabba negligenza u traskuragni ta’ terzi.

Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ attrici trid tipprova d-danni li sofriet u cjoe’ kif waslet ghas-somma ta’ tlett mija u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm340.45c) kif mitlub.

Sema’ x-xhieda ta’ Richard Pace Bonello, Eric Montfort, Vincent Borg, Charles Fenech, Ingineer Stephen Sammut u ta’ Mario Lia.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Martin Fenech ghas-socjeta’ attrici u ta’ Dr Beppe Fenech Adami ghas-socjeta’ konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi fil-15 ta’ Marzu 2006, kien qieghed isir xoghol ta’ trinek fit-toroq tal-Mosta u gara illi dakinhar inqata’ d-dawl li jissuplixxi l-post tax-xoghol tas-socjeta’ Inserv Limited u cjoe’ 274/6 Main Street, Mosta.

Minhabba li nqata’ x-xoghol, gie allegat li l-haddiema nkarigati mis-socjeta’ attrici ma setghu jaghmlu xejn u l-kawza odjerna tikkoncerna l-ammont imhallas mis-socjeta’ attrici bhala pagi lill-impjegati taghha ndikati fil-prospett a fol 17 tal-process bl-ammont komplessiv ta’ tlett mija u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm340.45c).

Is-socjeta’ konvenuta qeghda tikkontendi illi hi m’hijiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u sahansitra anki ppruvat tghid illi l-incident li b’rizultat tieghu kien inqata’ d-dawl ghas-socjeta’ attrici ma kienx ikkawzat minn xoghlijiet maghmul minnha.

Mill-provi prodotti u partikolarment mix-xhieda ta’ Richard Pace Bonello u Eric Montfort jirrizulta illi fil-15 ta’ Marzu, 2006 kien inqata’ d-dawl li jipprovdi l-post tax-xoghol tas-socjeta’ attrici. Hemm ittra mibghuta minn Antoinette Zahra bhala Customer Care Co-Ordinator ta’ l-Enemalta li ssemmi d-data ta’ l-14 ta’ Marzu, 2006 izda jidher car illi effettivament il-hsara grat fil-15 ta’ Marzu, 2006 u dan anki kif jixhdu l-impjegati ta’ l-istess kumpanija u l-*Interruption Report* a fol 44 tal-process.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-incident attwalment sehh fil-15 u mhux fl-14 ta’ Marzu, 2006.
Inoltre, jirrizulta mill-provi illi ghalkemm il-hsarat saru filghodu, kien biss minn xi siegha ta’ wara nofsinhar ‘il quddiem li bdew isiru t-tiswijiet. L-ewwel gie riparat il-*junction box* fis-*substation* peress illi meta ntlaqat il-*cable*, dan intlaqat f’post vicin hafna t-*terminal* u l-*cable* ingibed mis-*substation* u b’hekk kien hemm hsara fis-*substation* innifsu u b’hekk kellu jintefa’ d-dawl biex il-*junction box* jigi msewwi u minhabba f’hekk dan il-*junction box* gie minghajr dawl minn 13.46h sa 14.35h.

Inoltre pero’ jirrizulta illi dan ma kienx bizzejjed biex il-hsara tissewwa u kien hemm hsara fil-*cable* nnifsu tant illi mbaghad, xi l-4.00p.m gie *gang* ta’ nies biex sewwew dan il-*cable* u eventwalment dan il-*cable* ssewwa xi 7.30p.m.

Is-socjeta’ attrici tikkonferma illi dakinhar baqghet gurnata shiha minghajr dawl u dan m’hemmx dubju li kien hekk.

Is-socjeta’ konvenuta ssostni illi m’hemmx prova sufficjenti li torbot il-mankanza tad-dawl ghand is-socjeta’ attrici max-xoghlijiet li kienu qeghdin jaghmlu huma stess izda jirrizulta mix-xhieda ta’ Eric Montfort li anki ghamel referenza ghar-rapport tal-pulizija li ghamel certu Charles Borg ghal V & C Contractors Limited stess fil-15 ta’ Marzu, 2006. Huwa ammetta li kien hemm incident meta laqtu *cable*. Vince Borg ukoll xehed illi xi hadd mill-kumpanija tieghu kien laqat xi *cable*. Fil-fatt hu stess jghid li kien hu li mar biex jaghmel ir-rapport ma’ l-Ufficjal ta’ l-Enemalta u mid-deskrizzjoni tax-xoghlijiet attwali li saru biex tissewwa l-hsara, t-Tribunal m’ghandux dubju illi attwalment ix-xoghlijiet li ghamel referenza ghalihom Vincent Borg huma l-istess xoghlijiet li ghamlu referenza ghalih Charles Fenech, Ingineer Stephen Sammut, Mario Lia, Eric Montfort u Richard Pace Bonello. It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma illi jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi kien proprju dan l-incident li b’rizultat tieghu kien mar id-dawl ghand is-socjeta’ attrici.

Il-fatt illi fix-xhieda tieghu Vincent Borg isemmi li kien hemm nies ohrajn jahdmu fl-inhawi u semma’ tal-General Company Limited li m’huwiex bizzejjed u kien jispetta lilu sabiex iressaq dawn il-persuni biex jixhdu u sahansitra jigi rilevat li lanqas fir-Risposta taghhom ma jsemmu lil din il-kumpanija jew xi impjegati taghha bhala xhieda. It-Tribunal jidhirlu illi, kif sewwa ntqal waqt it-trattazzjoni, din il-kumpanija ssemmiet biss bhala *a red herring*.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi s-socjeta’ konvenuta li kienet qeghda taghmel ix-xoghlijiet fl-inhawi laqtet il-*cable* u ma gabet l-ebda raguni biex tghid ghaliex m’ghandhiex tigi misjuba responsabbli ghal dan l-akkadut. Min ikun qed jaghmel xoghlijiet ta’ trinek fit-toroq ghandu joqqhod attent ghall-*cables* u servizzi ohra li jkunu ghaddejjin minn taht it-triq u ghalhekk jekk huwa jaghmel xi hsara, l-piz tal-prova biex jiskolpa ruhu minn tali incident jispetta lilu.

Illi dwar il-*quantum* pero' t-Tribunal jidhirlu illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa esagert u dan billi ghalkemm m'ghandux dubju li attwalment il-haddiema tas-socjeta' attrici marru ghax-xoghol u minhabba l-fatt li l-kumpanija attrici ma kellhiex dawl giet severament disturbata fl-andament normali tax-xoghol taghha, t-Tribunal ma jahsibx illi dawn il-haddiema kollha spiccaw biex m'ghamlu xejn. Hekk per ezempju, t-Tribunal jifhem li l-*Graphic Department, Offset Department* u *Printing Department* gew severament effettwati izda per ezempju xoghol li huwa bbazat fuq *marketing* u *sales* u *debt collecting* probabbilment seta' jsir. Inoltre, anki dawk il-haddiema li spiccaw ma setghux jaghmlu x-xoghol normali taghhom minhabba li ma kienx hemm dawl, it-Tribunal jidhirlu illi xi tip ta' xoghol seta' jinstab ghalihom.

Ghaldaqstant it-Tribunal jidhirlu illi jkun aktar gust u ekwu li l-ammont mitlub ikun ridott u jidhirlu li komputazzjoni fl-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) ikun aktar xieraq.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u ghar-ragunijiet fuq imsemmija jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin Euro cents (€465.87) - (Lm200) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz. Billi l-ammont likwidat huwa nferjuri mill-ammont mitlub l-ispejjez tal-kawza huma terz (1/3) ghas-socjeta' attrici u zewg terzi (2/3) ghas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------